MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-31 ta' Awwissu, 2006

Numru. 461/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**v**

**MARCO SPITERI bin Francis u Carmela nee' Zammit, imwieled fis-sebgha [7] ta' Settembru 1966 u residenti 11, Triq Mikelang Pace, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 28166G.**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **MARCO SPITERI** bin Francis u Carmela nee' Zammit, imwieled fis-sebgha [7] ta' Settembru 1966 u residenti 11, Triq Mikelang Pace, Xaghra, Ghawdex,

detentur tal-karta tal-identita numru 28166G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fl-erbgha w ghoxrin [24] ta' Gunju, 2006 ghal habta tad-disgha w nofs ta' filghaxija, fi Triq Mgarr, fix-Xewkija, Ghawdex saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni GVH-473:-

1. fejn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti, qasam il-linji bojod;

2. talli habat ma vettura bin-numru ta' registrazzjoni LWY-227 w involontarjament ikkaguna hsarat fuq l-istess vettura ghad-dannu ta' Mario Spiteri mix-Xewkija, Ghawdex;

3. talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti involontarjament ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mario Spiteri mix-Xewkija kif gie iccertifikat mit-tabib Dr. Mario Saliba;

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Anthony Gambin u lil PS 369 Joseph Mizzi.

Rat d-dokumenti kollha esibiti minn PS 369 Joseph Mizzi u cioe PS u PS 1.

Semghet lil Mario Spiteri jiddikjara seduta stante li kien qed jirrinunzja ghal azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat fir-rigward t-tielet [3] akkuza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti **l-ewwel [1] akkuza ma tirrizultax ppruvata w ghalhekk il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lil imputat MARCO SPITERI hati taghha u tilliberah minnha**.

**Dwar t-tieni [2] akkuza, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat MARCO SPITERI hati taghha u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' ghoxrin [20] lira maltin filwaqt li tastjeni milli tiehu**

**konjizzjoni tat-tielet [3] akkuza stante rinunzja da parti ta’ Mario Spiteri.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------